Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 156/22/F

Anthony Micallef

vs

Alexei Gafà

Illum, 3 ta' Lulju 2023

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-24 ta' Ottubru 2022;

Ra li l-Intimat ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba nhar it-23 ta' Marzu 2023;

Ra li minkejja li ġie debitament notifikat, l-Intimat la ppreżenta Risposta u lanqas ma attenda għas-seduti quddiem it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Anthony Micallef bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent qed jitlob il-ħlas ossija rifużjoni tas-somma ta' €400.00 rappreżentanti s-somma li għadda lill-Intimat bħala ħlas akkont ta' xogħol ta' bdil ta' 36 balavostra tal-ġebel tal-franka fir-residenza tar-Rikorrent f'Ħal Tarxien.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrent jispjega li minkejja li kien mgħoddi l-ammont mitlub biex ikun jista' jibqa' x-xogħlijiet kif miftiehem, l-Intimat qatt ma beda x-xogħol, u dan minkejja li r-Rikorrent għamel bosta tentattivi sabiex jikkuntattjah. L-ammont reklament ta' €400.00 kien ġie mgħoddi lill-Intimat in kontanti u kienet ġiet iffirmata riċevuta informali għal dan l-ammont, liema riċevuta

ġiet eżebita in atti. Minkejja li x-xogħol qatt ma sar, l-imsemmija somma miġbura akkont tax-xogħol baqgħet qatt ma ġiet ritornata.

Illi intant, bin-nuqqas tal-Intimat li jressaq Risposta u li jattendi għas-seduti biex iressa il-provi, effettivament naqas milli jikkonesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti jew li jqajjem difiżi in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan li kieku ried.

Illi jirriżulta li dak li qed jitolob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur u permezz tax-xhieda tiegħu bil-ġurament u d-dokumenti minnu eżebiti, it-Tribunal iqis li rnexxielu jipprova l-każ tiegħu sodisfaċentament u skont il-liġi. Għalhekk, it-Talba qed tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' erba mitt Euro (€400.00)

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.

Avv. Mattia Felice
Arbitru